**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Settembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Graziella Apap**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' omissis; u

Graziella Apap detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0193784M;

Akkuzata talli f' Novembru, 2014 u fix-xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' mezz kontra ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b' ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Joseph Farrugia (ID 0268963M), Agatha Borg (ID 0147241M) u Anna Borg (ID 0724336M), Karmni Frendo (ID 0396742M), Anna Cachia (ID 0516845M), Vincenza Zammit (ID 0123436M), Giovanna Antida Sciberras (ID 839345M) u Alfred Sciberras (ID 0611839M), Vincenzo Galea (ID 010831M), Teresa Hili (ID 054335M), Carmelo Zammit (ID 020835M), Teresa Callus (ID 0494342M), Marija Karmena Farrugia (ID 0747843M), Giorgio Azzopardi (ID 0487125M) u Rachele Azzopardi Galdes (ID 0245327M), Dolores Zammit (ID 0474740M), Antonia Dalli (ID 0444028M), Salvatore Mercieca (ID 0703735M) u Rita Mercieca (ID 0566334M), Ganni Domenici (ID 0567745M), Carmelo Saliba (ID 0173043M), Saviour Calleja (ID 065741M), Pietro Paolo Teuma (ID 0732522M), Maria Stella Vella (ID 0107821M), Carmela Somerville (ID 0639644M), Giorgia Zammit (ID 0627131M), Caterina Cumbo (ID 0138434M), Kunsilja Debono (ID 0821740M), Gemma Cutajar (ID 0412848M), Teresa Vella (ID 0439633M), Mary Mifsud (ID 051451G), Giovanna Mifsud (ID 0347729M), Marija Grazia Cutajar (ID 087335M), Rita Lia (ID 0357034M), Giuseppe Risso (ID 0520726M) u Teresa Risso (ID 0715430M), Mary Booker (ID 0196324M), Martha Fenech (ID 049439M) u/jew id-Dar tal-Providenza.

2. Kellhom fil-pussess taghhom jew taht il-kontroll taghhom xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f' konnessjoni ma' xi frodi.
3. Assocjaw ruhhom ma' xi persuni ohra f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt (frodi ai terminu tal-artikoli 308 u 309) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa u dan ai terimu ta' l-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Lil Graziella Apap wahidha:

   Talli f' Malta xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa. mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan isir f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom

U b' hekk l-imputati Graziella Apap u omissis saru recidivi a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas- 26 t' Awwissu, 2015 (esebita a fol. 446 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub;

a. Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) (qabel l-emendi permezz tal-Atti XXIV tas-sena 2014) u l-artikoli 18 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 308, 309, 310 (1)(b)(c) (wara l-emendi permezz tal-Atti XXIV tas-sena 2014) u l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 310BA(1) u 310BA (2)(a)(b) u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 334(c) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48 u 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48,48A, 49, 50, 467(2), 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza ta' 3 ta' Dicembru, 2015, l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat is-Social Inquiry Report inserit a fol.483 et sequitur tal-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan l-kaz jirrigwardaw agir frawdolenti li sar f' Novembru 2014 u fix-xhur ta' qabel, ghad-dannu ta' diversi persuni, ilkoll indikati fic-charge sheet u kwazi kollha anzjani, fejn dawn kienu qed jigu konvinti minn persuna li kienet qed izzurhom f' darhom sabiex jaghtu donazzjoni lid-Dar tal-Provvidenza sabiex imbaghad ikunu jistghu juzufruwixxu minn voucher li huma jkunu rebhu. Wara li l-Pulizija Ezekuttiva rceviet diversi rapporti minn varji lokalitajiet f' Malta fir-rigward u saru l-investigazzjonijiet opportuni[i] gie identifikat certu Joseph Meilaq bhala l-persuna li kien qed izur id-djar ta' dawn l-anzjani, jgeghlhom jahsbu li huma kienu rebhu voucher u jikkonvincihom jaghtu donazzjoni pekunjarja, li generalment kienet tkun mitejn Ewro jew aktar, u jaghtihom ircevuta li kienet tindika li qed tigi mahruga mid-Dar tal-Provvidenza.

Meta Joseph Meilaq gie interrogat huwa kkopera mal-Pulizija u ndikalhom li effettivament kien il-persuna li qed jaghmel iz-zjarat fid-djar tan-nies izda huwa ndikalhom ukoll li dan kien qed jaghmlu ghaliex kien hekk imqabbad

minn certu Graziella Apap, li huwa kellu speci ta' relazzjoni maghha u li din kienet tezigi li huwa kellu jaghtiha mitt Ewro kuljum. Meilaq qal lill-Pulizija li din il-mara (l-imputata odjerna) kienet hafna drabi tindikalu hi iz-zoni ta' Malta fejn kellu jaghmel il-gbir u jispjega li hija xtrat hafna ghamara gdida, affarijiet dekorattivi u zewg LCD televisions bil-flus li kien jghaddilha u jsostni li hija kienet tghidlu li ser taghmillu hsara kbira jekk ma jghaddilhiex dawn il-flus.

Meta l-Pulizija nterrogaw lill-imputata (vide stqarrija inserita a fol. 87 sa 90 tal-atti processwali) hija ghazlet li ma twegibx ghal kwazi d-domandi kollha li sarulha u sostniet li l-affarijiet li indika Joseph Meilaq u li effettivament instabu fid-dar taghha kienu ilhom ghandha zmien twil.

Meta saret tfittxija fid-dar tal-imputata instabu kemm l-affarijiet indikati minn Joseph Meilaq kif ukoll l-ircevuti relattivi li kienu jindikaw li l-istess affarijiet kienu nxtraw fil-gimghat precedenti.

Illi l-imputata u Joseph Meilaq tresqu flimkien ko-akkuzati bl-imputazzjonijiet odjerni izda fil-mori tal-proceduri Joseph Meilaq ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u gie sentenzjat u sussegwentement huwa xehed fil-proceduri fil-konfronti tal-imputata waqt l-udjenza tat-23 ta' Lulju 2015 fejn spjega kif kien iltaqa' mal-imputata u kif hi kienet qaltlu li kellha tlett itfal u kienet thallas 450 Ewro kera fix-xahar u mbaghad wara skopra li ma kienx minnu ghaliex hija kienet tghix fi flat tal-Housing. Huwa qal ukoll li hija kienet taghtih tlett sighat kuljum sabiex imur id-dar taghha u bil-hin ghaliex kellha relazzjoni ma' ragel iehor ta' Nazzjonalita' Libjana. Huwa spjega wkoll li l-imputata bdiet tghidlu li l-flus li kien qed jaqla' mix-xoghol tieghu ma kinux bizzejjed u kienet qaltlu sabiex jibda jigbor il-flus minghand in-nies u jghidilhom li dawn kienu donazzjoni ghad-Dar tal-Provvidenza. Meilaq spjega kif l-imputata kienet tinsisti

mieghu li jaghtiha mitt Ewro kuljum u kif kienet theddu li ser tqabbad lil xi hadd sabiex joqtlu jekk ma jaghtihiex dawn il-flus fuq bazi regolari. Dan ix-xhud qal li huwa kien ghall-ewwel irrifjuta li jaghmel dawn l-affarijiet ghaliex kien diga' ghamel hekk qabel u kien instab hati u skonta piena karcerarja u kien iddispjacih ghal dak li ghamel. Meilaq qal li l-imputata bdiet tghidlu li hija riedet tarma d-dar u li huwa kellu jara x' jaghmel sabiex jigwadanja dawn il-flus li hija ndikatlu bhala 'easy money' u jghaddihomlha. L-istess xhud indika wkoll il-varji affarijiet li xtara lill-imputata mill-flus li kien jigbor bhal tablet, play station, statwi u ghamara, televisions eccetera. Meilaq spjega li kien hemm okkazzjoni fejn l-imputata akkompanjatu sabiex jigbru l-flus izda ma rnexxielhom jigbru xejn u hija kienet qaltlu sabiex jibda jmur wahdu ghaliex hija ma kinitx tinqala' ghal dawn l-affarijiet. L-istess xhud indika wkoll li l-imputata kienet anki terfa' idejha fuqu sabiex huwa jaghtiha l-flus u jixtrilha l-affarijiet ghad-dar.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta minghajr dubju li l-imputata kienet kompletament partecipi ma' Joseph Meilaq fl-iskema frawdolenta li huma vvintaw sabiex igeghlu lil diversi nies anzjani jaghtuhom donazzjoni ghad-Dar tal-Provvidenza. Mill-provi rrizulta wkoll li dawn il-flus ma kienux qed imorru ghand id-Dar tal-Provvidenza (vide xhieda ta' Father Martin Micallef) u li l-istess Dar tal-Provvidenza qatt ma nkarigat lil hadd jigbor il-flus ghan-nom taghha b' dan il-mod. Mill-provi rrizulta ulterjorment li ghalkemm kien Joseph Meilaq li kien qed jigbor il-flus, li huwa kien qed jigi mgieghel jaghmel hekk mill-imputata li kienet tindikalu z-zoni ta' Malta fejn kellu jmur, u kienet tesigi li huwa jaghtiha certu ammont ta' flus kuljum, li hija kienet tiddefinixxi bhala 'easy money' u kienet armat id-dar u xtrat diversi oggetti ta' valur bil-flus migbura minn Meilaq abbazi tal-iskema li huma ikkomplottaw bejniethom.

Illi d-Difiza tikkontendi li Joseph Meilaq m' huwiex xhud attendibbli fost affarijiet ohra minhabba l-fedina penali tieghu. Illi din il-Qorti izda ma ssib l-ebda raguni il-ghala ghandha tiskarta dak li qal Meilaq in kwantu jirrigwarda l-involviment tal-imputata fl-iskema tal-gbir tal-flus b' mod ghal kollox frawdolenti u dan ghal diversi ragunijiet. L-ewwel u qabel kollox Meilaq dejjem sostna l-istess verzjoni tal-fatti. Inoltre huwa dejjem ammetta l-involviment tieghu u fil-fehma tal-Qorti huwa ma kellu xejn x' jigwadanja billi jindika l-imputata bhala l-persuna l-ohra nvoluta mieghu fl-iskema frawdolenti ta' gbir ta' flus. Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li Meilaq qed jghid il-verita' ghaliex il-fatti minnu indikati huma korroborati minn provi ohra bhal per ezempju il-fatt li l-oggetti minnu indikati kollha nstabu fid-dar tal-imputata. Din il-Qorti setghat tikkonstata li filwaqt li l-imputata indikat li l-oggetti li nstabu fir-residenza taghha kienu ilhom ghandha mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni effettivament irrizulta li dawn l-istess oggetti kienu ghadhom kemm inxtraw ghaliex instabu l-ircevuti relattivi.

Illi din il-Qorti sejra ghalhekk jidrilha li tirrizulta r-rejita ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputata inkluz l-addebitu tar-recidiva[ii].

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-kontenut tas-Social Inquiry Report izda kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputata qed tinstab hatja u tal-fatt li gew ingannati persuni daqshekk vulnerabbli kif ukoll il-fatt li l-imputata hija recidiva u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mil-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 t' Awwissu, 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 308, 309, 310(1)(b) qabel l-emendi permezz tal-Atti XXIV tas-sena 2014), 309, 310 (1)(b)(c) (wara l-emendi permezz tal-Atti XXIV

tas-sena 2014), 310BA(1) u 310BA (2)(a)(b), 334(c), 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48 u 48A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil.-konfronti taghha u tikkundannaha erba' (4) snin prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija erba' u ghoxrin Ewro u sitta u tmenin il-Ewro centezmu (€324.86)[1] liema ammont jirraprezenta nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela
Deputat Registratur

[i] Vide xhieda tal-Ufficjal Investigattiv a fol. 30 et sequitur.
[ii] Vide dokumenti esebiti a fol. 408 sa 413.

[1] Relazzjoni Ta' Dr Joseph Mifsud inserita a fol 196 et seq tal-atti processwali fl-ammont ta' €649.72c.